



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### **Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Frar 2023 – Fundacja Instytut na rzecz Kultury Prawnej Ordo Iuris vs Il-Parlament**

**(Kawża C-546/21 P)**

“Appell – Rikors għal annullament – Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – Rappreżentanza tal-partijiet fir-rikorsi diretti quddiem il-qrati tal-Unjoni Ewropea – Avukat li għandu l-kwalità ta' terz fir-rigward tar-rikorrent – Rekwiżit ta' indipendenza – Avukat li jipprattika fl-istess uffiċċju legali bħall-president tal-rikorrent”

*Proċedura ġudizzjarja – Rikors promotur – Rekwiżiti formali – Kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-firmatarju – Kwalità ta' terz fir-rigward tal-partijiet – Rikorrent irrappreżentat minn avukat li jipprova servizzi legali fi ħdan iċ-ċentru tal-litigazzjoni ta' din il-parti u li jikkollabora mal-president tiegħu fl-istess uffiċċju legali – Nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' indipendenza – Assenza*

*(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 19; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 51(1))*

*(ara l-punti 29 sa 43)*

#### **Dispożittiv**

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Lulju 2021, Fundacja Instytut na rzecz Kultury Prawnej Ordo Iuris vs Il-Parlament (T-42/21, mhux ippubblikata, EU:T:2017:481), hija annullata.
- 2) Il-Kawża T-42/21 għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.